TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 96/12-F

**Anthony & Carmen Aquilina**

**vs**

**Francis Muscat eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Tacsum Woods**

Illum 12 ta' Marzu, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' April, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, erba' mija u sitta w sittin ewro (€1,466), rappreżentanti prezz ta' kċina li kellha diversi nuqqasijiet u ma kinitx għadha lesta.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għal seduta waħda.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw kċina mingħand id-ditta ntimata għall-prezz ta' elf, erba' mija u sitta w sittin ewro (€1,466), u wara li ġiet ikkonsenjata parti minnha lilhom, kien hemm diversi difetti, u kif ukoll diversi nuqqasijiet, u għalhekk qed jitolbu l-flus lura.

L-intimat daparti tiegħu ssottometta li lest illi joffri tlett mitt ewro (€300), u kif ukoll jirranġa l-*coffee table* u t-*tv table*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi parti mill-prezz illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu, huwa mqassam billi tmien mija u sebgħin ewro (€870) huma tal-*coffee table* u t-*tv table*, u li għandhom il-ħsara, waqt li sitt mitt ewro (€600) huma tad-depożitu fuq il-kċina li għandha diversi difetti.

L-intimat aċċetta wkoll illi kien biegħ parti mill-kċina. Kif ukoll, it-Tribunal jikkonsidra illi kull ma qegħdin jitolbu r-rikorrenti fit-talba tagħhom ma kienx hemm inkluż id-danni tal-*coffee table* u tat-*tv table*.

**Għal dawn il-motivi:**

Għaldaqstant it-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) rappreżentanti d-depożitu li ħallsu fuq il-kċina u b'dan illi l-parti tal-kċina li għadha għand ir-rikorrenti, tiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**